**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 83/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Peter Caruana**

Illum, 27 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat Peter Caruana, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 444780M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bħala Direttur tal-kumpanija Caruana Constractive Company Limited (C-32269) għas-snin 2011, 2012, 2013 u 2014, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, naqas li jibgħat il-formoli tat-taxxa skond id-dispożizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar *Final Settlement System* (FSS) A.L. 88 tal-1998 maħruġa ai termini tal-fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jħares id-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' April 2024, fejn il-Qorti sabet lil Peter Caruana mhux ħati tal-akkużi dedotti

kontra tiegħu u lliberatu minn kull ħtija u piena, salv kull dritt li l-Kummissarju għat-Taxxi għandu sabiex jiġbor kwalsiasi ammont allegatament dovut lilu.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, intavolat fit-3 ta' Mejju 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza billi ssib il-ħtija għall-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront tal-istess Peter Caruana u tinfliġġi dik il-piena idonea u ġusta skont il-liġi u fl-aħjar interess tal-Ġustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħazin tal-provi meta għaddiet sabiex tillibera lill-appellat minn kull ħtija u piena. Jisħaq li ma jaqbilx ma' dak mistqarr mill-Ewwel Qorti u ċioe' li l-prosekuzzjoni kienet waqfet ferm 'il bogħod milli tipprova l-ammonti ta' taxxa u kontribuzzjonijiet ta' sigurta soċjali mhux imħallsa u li naqset milli tressaq l-aħjar prova, tant illi fl-istess nifs il-Qorti stqarret illi għal fini ta' reita' huwa biżżejjed li jkun ippruvat illi l-ħlas ma jkunx sar. Finalment jisħaq l-Avukat Ġenerali illi tirriżulta ppruvata kemm l-intenzjoni doluża fl-appellat kif ukoll hemm evidenza ta' *culpa* u negliġenza meta l-appellat naqas milli jiddikjara it-taxxa u l-bolla dovuta in konnessjoni mal-impjegati tiegħu, u għalhekk l-Ewwel Qorti żbaljat meta illiberatu minn kull ħtija u piena.

Illi l-Qorti tibda biex tiġbed l-attenzjoni ta'l-Avukat Ġenerali illi ma jistax fl-istess nifs iqis illi hemm l-intenzjoni doluża u kif ukoll kolpuża fl-aġir ta'l-appellat billi 'il waħda neċessarjament teskludi lill-oħra. Illi għal dawn it-tip ta'reati japplikaw il-kunċetti tal-*absolute* jew *strict liability*, mingħajr il-ħtieġa li jkun ippruvat xi element doluż jew inkella xi aġir kolpuż.

Issa l-kuncett tal-'*absolute liability*' tintuża fir-rigward ta' reati li jwasslu għar-responsabbilta' penali ta' dak li jkun allavolja ma jkunx hemm il-prova tal-*mens rea* jew l-intenzjoni li jikkometti r-reat. Dawn huma l-eċċezzjonijiet għar-regola ta' '*actus non facit reus nisi mens sit rea*'.

Igħid hekk il-Professur Mamo fuq dan il-kunċett ta' responsabbilta' penali.

> ***'In determining whether an Act does create this more stringent prohibition, regard must be had to the object of the statute, the words used, the nature of the duty, the person upon whom it is imposed, the person by whom it would in ordinary cases be performed, and the person upon whom the penalty is imposed. In general, where the words of a modern statute amount to an absolute prohibition of a certain act without any reference to the state of mind of the actor, 'mens rea' is not an essential ingredient of the offence; and in such a case any inquiry as to the intent which actuated the accused would be immaterial – except, perhaps, with a view to the mitigation of the punishment. (Blake-Odgers, op.cit. Vol I. 114). (page 73 ).***

Minn naha l-ohra:

> ***Strict liability offences do not require proof of fault and provide for a defence of an honest and reasonable mistake of fact. It is generally considered justified to impose strict liability to protect public health, safety and the environment. It may also be imposed for regulatory offences. The general principle is that strict liability may be imposed where a person is placed on notice to guard against the possibility of inadvertent contravention.***

Jikkonsegwi illi fil-każijiet ta' offiżi li huma ippruvati hekk kif jkun imwettaq l-att materjali waħdu mingħajr il-bżonn li jkun ippruvat l-element formali, dawn jaqgħu taht 'l hekk imsejjaħ *absolute liability*, liema kunċett madanakollu m'għandux jigi ekwiparat ma' dak ta' 'l hekk imsejjaħ *strict liability*, fejn għalkemm ukoll f'dawn l-offiżi ma hemmx il-bzonn li tkun ippruvata l-intenzjoni kriminuża, madanakollu l-awtur tar-reat jista' iqanqal xi difiżi. Illi fil-fatt l-Qorti hija tal-fehma illi dan il-prinċipju ta' *strict liability* għandu jimxi id f'id ma' dik tar-responsabbilta vikarja kif maħsuba fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

> **Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin ta' l-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak**

**ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat.**

Illi allura f'dawn il-każijiet il-piż tal-prova issa ser idur fuq il-persuna akkużata, b'dan għalhekk illi jaqa' fuq spallitha sabiex tipprova, u dan sal-grad tal-probabbli, illi hija ghamlet dak kollu meħtieġ sabiex tevita li jiġi kommess ir-reat, u li allura eżerċitat id-diliġenza kollha meħtieġa sabiex jkun żgurat li ma jkun hemm l-ebda vjolazzjoni ta' dritt. l-kunċett ta' "*strict liability*", li l-Professur Mamo ifisser bil-mod segwenti:–

> ***Strict liability offences do not require proof of fault and provide for a defence of an honest and reasonable mistake of fact. It is generally considered justified to impose strict liability to protect public health, safety and the environment. It may also be imposed for regulatory offences. The general principle is that strict liability may be imposed where a person is placed on notice to guard against the possibility of inadvertent contravention.***

Jikkonsegwi għalhekk minn dan l-insenjament illi l-Ewwel Qorti errat meta għaddiet biex tillibera lill-appellat mill-ħtija unikament għaliex fil-fehma tagħha ma kienx hemm prova ċara tal-*quantum* tal-ammont li kien dovut, u dan meta *ex admissis* l-appellat stess igħid illi l-ħlas għat-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali għas-snin indikati fl-akkuża ma tħallsux.

Illi, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali jirriżulta li nhar id-9 ta' Marzu 2022, intbagħtet "*letter to prosecute*" lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-Kummissarju tat-Taxxi, fil-konfront ta'l-appellat Peter Caruana, għan-nom u in rapprezentanza tas-soċjeta' *Caruana Constractive Company Ltd* (C 32269) bħala l-persuna reġistrata mall-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi bin-numru tal-P.E. 505905 u dan għaliex huwa kien naqas li jibgħat l-formoli tat-taxxa għas-snin 2010, 2011, 2012, 2013 u 2014, flimkien mal-ħlas relattiv. Eventwalment fil-mori tal-proċeduri, l-akkuża relatata mas-sena 2010 ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni stante pagament minn naħa ta'l-appellat.

Illi, Jesmond Delmar, in rapprezentanza tal-*Inland Revenue Department* xehed li l-bilanċ ta' taxxa bl-lura kienet ta' ċirka €89,000 rapprezentanti taxxa u bolla tal-impjegati u li dwar is-snin 2010 sa 2014, kien ġie ffirmat *agreement* fil-25 ta' Settembru 2012 fejn kien anke sar *down-payment* ta' €15,217. Jisħaq li pero' kien għad baqa' 16 -il pagament xi

jsir. Finalment stqarr li meta dan l-*agreement* surreferit skada f'Lulju 2020, kien tħallas l-ammont ta' €14,000 pero' kien għad fadal bilanċ pendenti ta' €74,984.

Illi, il-PL Quentin Tanti, in rapprezentanza tal-*Malta Business Registry*, xehed u kkonferma li għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-15 ta' Frar 2015, id-diretturi tas-soċjeta' *Caruana Constractive Company Limited* (C 32269) kienu l-appellat u Katya Carmen Caruana.

Illi, finalment l-appellat għazel li jixhed fejn ikkonferma li kien hemm nuqqasijiet fil-ħlasijiet dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi u li kien lest jagħmel pagamenti fix-xahar sabiex ikopri l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-Ewwel Qorti stqarret, fost affarijiet oħra, li għalkemm jirriżulta li t-taxxa ma' tħallsitx għas-snin indikati fiċ-ċitazzjoni, hemm diskrepanzi fir-rigward l-ammont reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi: –

> **Illi huwa jgħid li l-bilanċ tat-taxxa huwa ta' ċirka €89,000 filwaqt li aktar 'l quddiem fix-xhieda tiegħu jgħid li fadal bilanċ ta' €74,984. Illi, mill-provi prodotti jirrizulta li jekk jingħaddu l-ammonti dikjarati bħala dovut għas-snin 2011 sa 2014, l-ammont totali huwa ta' €82,567.92. il-Prosekuzzjoni ma ndikatx kemm effettivament ġie mħallas minn dan l-ammont dovut bejn is-snin 2011 sa 2014. Illi, b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, l-ammonti reklamati mill-Prosekuzzjoni huma 'l bogħod minn ċerti.**

Għalhekk, l-Ewwel Qorti tikkontendi, illi ġaldarba ma tressqitx l-aħjar prova mill-Prosekuzzjoni, l-azzjoni penali tfalli.

Illi, minn naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali ma jikkondividix tali ħsieb u jisħaq li ġialadarba l-ħlas ma sarx, ir-reat jissusisti rrispettivament mill-ammont dovut.

Illi l-akkuża addebitata lill-appellat hija imsejsa fuq r-reat imfassal fl-artikolu 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 li jiddisponi:

> *(1)* **Meta xi persuna tħallas xi income taxxabbli taħt l-artikolu 4(1)(a)(b) jew(d) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, jew xi income hekk kif jista' jiġi preskritt, hi għandha, fil-ħin tal-ħlas, tnaqqas it-taxxa minnu f'dak l-ammont u b'dak**

**il-mod hekk kif jista' jiġi preskritt skond dan is-subartikolu jew skond kull disposizzjoni oħra tal-Atti dwar it-Taxxi.**

*(2)* **Kull taxxa mnaqqsa kif meħtieġa skond is-subartikolu (1) għandha tintbagħat lil Kummissarju b'dak il-mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk preskritt.**

L-artikolu 4(a)(b) u (d) tal-Att dwar it-Taxxa li ghalih issir referenza fis-subartikolu 1 ghall-artikolu 23 jiddisponi kif ġej:

**4(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, it-taxxa fuq l-income għandha titħallas bir-rata jew rati speċifikati hawn taħt għas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar 1993 iżda biss dwar qligħ kapitali li jkun sar fil-25 ta' Novembru 1992 jew wara u għal kull sena ta' stima sussegwenti fuq il-qligħ kapitali kif imfisser fl-artikolu 5 li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band'oħra, u sew jekk jasal Malta jew le, u għas-sena ta' stima li tibda mill-1 ta' Jannar 1949 u għal kull sena sussegwenti ta' stima fuq l-income ta' kull persuna li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band'oħra, u sew jekk jasal Malta jew le dwar –**

*(a)* **Qliegħ jew profitti minn xi sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni, ikun liema jkun il-perijodu ta' żmien li fiħ dik is-sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni jkunu nħadmu jew ġew eżerċitati, inkluż il-profitt li jkun hemm minn bejgħ minn xi persuna ta' xi propjeta akkwistata mnnha għall-iskop li tagħmel profitt b'mezz ta' bejgħ, jew mit-tmexxija ta' xi mpriża li tagħmel profitti jew mit-tħaddim ta' xi skema li jagħmel profitt;**

*(b)* **Qliegħ jew profitti minn xi impjieg jew kariga, magħdud il-valur ta' kull benefiċċju provdut bis-saħħa ta' xi mpjieg jew kariga; u –**

*(i)* **Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'regolamenti jippreskrivi ċ-ċirkostanzi li fihom persuna għandha titqies li tirċievi benefiċċju mingħand persuna oħra provdut bis-saħħa ta' impjieg jew kariga u l-valur ta' dak il-benefiċċju;**

*(ii)* **Meta skont l-imsemmija regolamenti persuna titqies li tkun qed tirċievi xi benefiċċju provdut bis-saħħa ta' impjieg jew kariga wara t-tmiem ta' dak l-impjieg jew dik il-kariga u dak il-benefiċċju jiġi provdut bħala pensjoni, il-valur stabbilit skond l-imsemmija regolamenti għandu jikkostitwixxi income taxxabbli skond il-paragrafu (d);**

*(d)* **Pensjoni charge jew somma fis-sena jew ħlas fis-sena.**

Finalment r-regolamenti 15, 20, 21(1) u 22(1) tal-Leġislazzjoni sussidjarja 372.14 jirregolaw l-obbligi tal-'pagatur' definit f'dan l-avviż legali bħala *'kull persuna li tħallas l-emolumenti, jew li tħallas, jew li jkollha tħallas, emolumenti kemm akkont tagħha jew f'isem*

*xi persuna oħra u tinkludi Dipartiment tal-Gvern, persuni fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, Korporazzjonijiet pubbliċi u l-uffiċjali tagħhom, u korpijiet ta' nies oħra u l-uffiċjali tagħhom'.*

Skond dawn id-disposizzjonijiet allura kull prinċipal li jħaddem persuna jew persuni irid jaċċerta ruħu li jibgħat dawn il-formoli fit-termini preskritt skont il-ligi bil-ħlasijiet rispettivi skond il-kalkoli magħmula, lid-dipartiment ikkonċernat. L-inadempjenza ma' dawn l-obbligi fiskali iwassal sabiex il-persuna responsabbli tirrendi ruhha ħajta ta' reat taħt dawn id-disposizzjonijiet kif ukoll taħt il-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mhux biss izda din il-Legislazzjoni Sussidjarja tinnecessita ir-registrazzjoni mal-Kummissarju bhala "il-pagatur" **li allura jassumi l-obbligi kollha ghas-sottomissjoni tal-prospetti** marbuta mal-*Final Settlement system* u il-hlas relattiv tat-taxxa migbura lill-Kummissarju. L-obbligu li jidentifika l-ammont dovut, għalhekk, kuntrarjament għal dak li issostni l-Ewwel Qorti mhuwiex tal-Kummissarju, iżda tal-pagatur, li fit-termini tar-regolamenti imfassal fil-Leġislazzjoni sussidjarja 372.14 għandu id-dmir li jippreżenta il-prospett hu u li abbażi tal-istess jagħmel il-ħlas dovut. Issa mid-dokumenti esebieti in atti joħroġ illi hija s-soċjeta *Caruana Constractive Limited* l-persuna reġistrata mall-Kummissarju tat-Taxxi bin-numru tal-P.E. 505905, li tagħha l-appellat huwa direttur flimkien ma' Katya Carmen Caruana u allura jaqa' fid-definizzjoni ta' "pagatur", fit-termini tar-regolamenti bħala uffiċjal ta' din is-soċjeta kummercjali.

Dan għaliex ir-regolamenti 29 u 30 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14 jiddisponu hekk:

> **Meta zewg persuni jew aktar jitqiesu li flimkien huma l-pagatur dwar xi payee ghall-finijiet ta' dawn ir-regoli, l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet imposti fuq pagaturi b'dawn ir-regoli g]andhom jitqiesu li jew imposti fuqhom solidalment**
>
> **Il-manager, ufficjal principali iehor jew stralcjarju ta' xi korp ta' persuni ikun personalment responsabbli ghal kull haga li tkun mehtiega li ssir taht dawn ir-regoli minn jew f'isem dak il-korp ta' persuni**

Illi mix-xiehda ta' Jesmond Delmar, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, u mid-dokumenti minnu eżebiti huwa indubitat u inkontestat illi għas-snin bejn l-2011 u l-

2014 ma sarx il-ħlas dovut ta'l-erarju pubbliku dovut. Illi l-appellat fix-xiehda tiegħu ma jressaq ebda prova li teżonerah mir-responsabbilta' penali, anzi jammetti illi fil-fatt huwa kien moruż f'dawn il-ħlasijiet, tant illi l-imsemmi Delmar jikkonferma fix-xiehda tiegħu illi mis-sena 2012 ma saru ebda pagamenti billi l-aħħar pagament li sar mill-appellat mar biex ikopri is-sena 2010 u parti mill-2011. Issa jekk kien hemm xi diskrepanza fl-ammonti indikati mill-Prosekuzzjoni, bħala dawk li kienu dovuti, ma jnaqqas xejn mill-ħtija tal-appellat illi naqas mid-dover tiegħu skont il-liġi, iktar u iktar meta il-liġi timponi l-obbligu fuq il-pagatur li jindika dawn l-ammonti. Mhux biss, iżda, għalkemm llum għaddew kważi għaxar snin l-appellat jinsab għadu inadempjenti u moruż fil-ħlasijiet dovuti lill-Kummissarju.

Finalment għalkemm huwa minnu illi l-Prosekuzzjoni hija fid-dmir li tressaq l-aħjar prova li l-każ ikun jagħti, u li tressaq dawk il-provi kollha kemm favur kif ukoll kontra l-persuna akkużata, madanakollu n-nuqqas li titressaq tali prova m'għandux neċessarjament isarraf f'liberatorja u dan għaliex l-awtorita' ġudikanti xortawaħda tista' tistrieħ fuq provi sekondarji jekk dawn fl-assjem tagħhom iwassluha għal konvinċiment morali tal-ħtija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ilment ta'l-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka is-sentenza appellata, u wara li rat l-artikolu 23(1)(2) u (13) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll r-regolamenti 15, 20, 21 u 22 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 372.14, ssib lill-appellat Peter Caruana ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu w tikkundannah jħallas multa ta' erba mitt Euro (€400) u multa addizzjonali ta' sebgħa Euro (€7) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.**

**Il-Qorti spjegat lill-appellat Peter Caruana *ai fini* ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk, fi żmien ħames snin jerġa' jinstab ħati ta' reat ieħor taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk tal-istess xorta sew jekk le) jingħata sentenza, b'żieda ma' kull piena oħra, ta'mhux inqas minn tlett ijiem priġunerija jew ta' multa ta' elf u ħames mitt euro (€1500); u hekk misjub ħati għat-tieni darba u wara, matul l-imsemmi żmien, għandu, minkejja kull ħaġa**

**li tinsab fl-Att dwar il-*Probation* jew f'xi leġislazzjoni oħra, jingħata sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem jew multa ta' ħamest elef euro (€5000), b'żieda ma' kull piena oħra ħlief għal priġunerija għal żmien itwal.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**